# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Illum**, 03 ta' April, 2023

**Il-Pulizija**
(Spettur Andrew Agius Bonello)

**Kontra**

**Naser Hadzh Hebo Dzhned**

Il-Qorti

Rat l l-akkuzi dedotti kontra l-imputat Naser Hadzh Hebo Dzhned ta' 23 sena, bin ġeniturimhux magħrufa,mwieledSyria nhar il-01 ta' Jannar 2001 residenti f'indirizz mhux magħruf, u detentur tal-passaport Bulgarunumru 860080240.

1. talli għall-ħabta ta' bejn il-ħdax u nofs ta' filgħaxija (23:30hrs) ta' nhar il-01 ta' April, 2024 u n-nofs siegħa ta' filgħodu (00:30hrs) ta' nhar it-02 ta' April, 2024, ġewwa Triq Dun Karm, Birkirkara żamm u/jew ġarr il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, liema

sikkina jew strument li jaqta’ jew bil-ponta jeċċedi t- tmien ċentimetri mill-maqbad;

2. u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi Talli soqt il-vettura ta’ għamla BMW 320D SE bin-numru ta’ reġistrazzjoni FSW666 mingħajr ma’ kont kopert b’polza ta’ assigurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni.

3. u talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi soqt il-vettura ta’ għamla BMW 320D SE bin-numru ta’ reġistrazzjoni FSW666 mingħajr ma kellek liċenzja tas-sewqan;

Il-Qorti hija gentiloment mitluba wkoll li f’kaz ta’ htija minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-ligi tordna li **Naser Hadzh Hebo Dzhned** jigi skwalifikat milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal dalk it-tul ta’ zmien li jidrilha xieraq.

Rat l-ammissjoni tal-imputat.

Rat l- Artikoli 6, 7 tal-Kap 480 tal-Liġijiet ta’ Malta Artikolu 3(1) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta Artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ul-provi u d-dokumenti kollha ezibiti.

**Ikkunsidrat**

L-imputat intavola ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri.

**Decide**

Ghal dawn il-mottivi il-qorti wara li qrat l Artikoli 6, 7 tal-Kap 480 tal-Liġijiet ta’ MaltaArtikolu 3(1) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta Artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta’ Malta qed issib lil **Naser Hadzh Hebo Dzhned** hati tal-imputazzjonijiet kollha u rigwardanti l-ewwel imputazzjoni tikkundannah ghal multa ta’ mija u sittax -il ewro Euro 116 ; fuq t-tieni imputazzjoni sospensjoni ghal zmien sitt(6) xhur mill jirrikjedi

licenzja tas-sewqan u multa ta' elfejn u tlett mija u disa' u ghoxjin ewro u seba' u tletin centezmu (2329.37) li tithallas fi zmien tlett snin; rigwardanti t-tielet imputazzjoni multa ta' mitejn u hamsin ewro (250).

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**